



European Securities and
Markets Authority

Linji Gwida

**Linji gwida dwar il-validazzjoni u r-rieżami tal-metodoloġiji tal-Aġenziji
tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu**



Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni.....	3
2	Definizzjonijiet, Referenzi Leġiżlattivi u Akronimi	4
3	Għan	5
4	Obbligi ta' konformità u ta' rapportar	7
4.1	L-istatus tal-linji gwida	7
4.2	Rekwiżiti ta' rappurtaġġ	7
5	Linji gwida dwar il-validazzjoni u r-rieżami tal-metodoloġiji tas-CRAs	8
5.1	Validazzjoni ta' Metodoloġiji b'Evidenza Kwantitattiva Suffiċjenti	8
5.1.1	Kapaċità Diskriminatorja.....	8
5.1.2	Kapaċità Predittiva	8
5.1.3	Robustezza Storika	9
5.2	Validazzjoni ta' Metodoloġiji b'Evidenza Kwantitattiva Limitata	10
5.3	L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-anomaliji.....	12

1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu (CRAs) reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) Nru 462/2013 – Regolament CRA). Dawn il-linji gwida ma japplikawx għas-CRAs ċertifikati.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida japplikaw b'rabta mal-Artikoli 8(3) u 8(5) tar-Regolament CRA u mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni).

Meta?

3. Dawn il-linji gwida ser jidhru fis-seħħ xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

2 Definizzjonijiet, Referenzi Leġiżlattivi u Akronimi

CRAs	Aġenziji tal-Klassifikazzjoni tal-Kreditu Registrati
Ir-Regolament CRA	Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) Nru 462/2013)
RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu billi jstabbilixxi standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu
ESMA	L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
Ir-Regolament ESMA	Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE
CAP	Cumulative Accuracy Profile (Profil Kumulattiv tal-Preċiżjoni)
ROC	Receiver Operator Characteristic (Karatteristika Riċevitur Operatur)

3 Għan

4. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiċċaraw l-aspettattivi tal-ESMA u jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament CRA li jgħid li *“L-aġenzija li jiggrada l-kreditu għandhom jużaw metodoloġiji ta' gradazzjoni li huma rigorużi, sistematiċi, kontinwi u suġġetti għal validazzjoni bbażata fuq l-esperjenza storika, inkluż ittestjar retrospettiv”*. Dawn il-linji gwida jiffukaw fuq l-añhar parti tal-Artikolu 8(3), jiġifieri *“suġġetti għal validazzjoni bbażata fuq l-esperjenza storika, inkluż ittestjar retrospettiv”*. Dawn il-linji gwida jiċċaraw ukoll l-aspettattivi tal-ESMA u jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament CRA li jgħid, fost l-oñrajn, li CRA għandha *“tirrivedi l-gradazzjonijiet tal-kreditu u l-metodoloġiji tagħha fuq bażi kontinwa u mill-inqas darba f'sena”*.
5. L-ESMA hija tal-fehma li l-linji gwida dwar kif is-CRAs għandhom jissodisfaw l-Artikoli 8(3) u 8(5) tar-Regolament CRA ser jgħinu biex jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-miżuri ta' validazzjoni u ta' rieżami biex juru l-kapaċità diskriminatorja, il-kapaċità predittiva u r-robustezza storika tal-metodoloġiji, kif ukoll biex jidentifikaw miżuri li s-CRAs għandhom jimplimentaw meta jivvalidaw u jirrevedu l-metodoloġiji b'evidenza kwantitattiva limitata.
6. Dawn il-linji gwida jappoġġjaw l-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni, li jistabbilixxu r-regoli li għandhom jintużaw fil-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament CRA, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni.
7. Dawn il-linji gwida jiċċaraw l-aspettattivi tal-ESMA tat-termini *“kapaċità diskriminatorja”*, *“robustezza storika”* u *“kapaċità predittiva”* użati fl-Artikolu 7 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jiċċaraw ukoll l-aspettattivi tal-ESMA dwar kif CRAs b'evidenza kwantitattiva limitata jistgħu jiżguraw li l-metodoloġiji tagħhom ikunu *“bassara sensibbli tal-affidabbiltà kreditizja”*, kif stipulat fl-Artikolu 8 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni filwaqt li jkun eżentati milli jikkonformaw mal-Artikolu 7. Finalment, l-ESMA tiċċara wkoll l-aspettattivi tagħha dwar kif is-CRAs għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit kemm fl-Artikolu 7 kif ukoll fl-Artikolu 8 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni li s-CRAs għandu jkollhom *“proċessi fis-señħ biex [jiżguraw] dawk l-anomaliji sistematiċi fil-klassifikazzjoni tal-kreditu enfasizzati mill-ittestjar retrospettiv jiġu identifikati u indirizzati kif xieraq”*.
8. Dawn il-linji gwida jirreferu kemm għall-validazzjoni kif ukoll għar-rieżami tal-metodoloġiji tas-CRAs. Fil-kumplement ta' dan id-dokument kemm il-kelma *“validazzjoni”* kif ukoll il-kelma *“rieżami”* jintużaw bħala l-istess tifsira minflok *“validazzjoni u rieżami”* biex ikun aktar faċli għall-qari.
9. Il-kelma *“metodoloġija”* tintuża f'dan id-dokument biex tfisser il-komponenti kollha li jista' jkun fiha metodoloġija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, inklużi mudelli, suppożizzjonijiet prinċipali tal-klassifikazzjoni u kriterji.

10. L-ESMA tagħraf li validazzjoni ta' kwalità tajba hija r-riżultat tal-proċessi, il-governanza, il-miżuri, u daqstant importanti, il-ġudizzju espert użat mis-CRAs. L-ESMA hija tal-fehma li validazzjoni ta' kwalità tajba toħloq bilanċ bejn l-applikazzjoni ta' tekniki kwantitattivi u kwalitattivi. L-ESMA tifhem li ż-żewġ tipi ta' tekniki jistgħu jipprovdu tagħrif prezjuż dwar il-prestazzjoni tal-metodoloġiji, u li, skont iċ-ċirkostanzi (eż. klassi ta' assi jew disponibbiltà tad-data), il-grad li fih jiġu applikati tekniki kwantitattivi u kwalitattivi jistgħu jinbidlu. L-ESMA hija tal-fehma li l-validazzjoni tal-metodoloġiji għandha tinkludi kemm tekniki kwalitattivi kif ukoll daww kwantitattivi. L-ESMA ma tqisx il-valutazzjoni soġġettiva tal-metodoloġiji mill-persuni responsabbli għas-CRAs bħala teknika ta' validazzjoni kwalitattiva, mingħajr spjegazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet u tal-konklużjonijiet magħmula.
11. L-ESMA ffukat dawn il-linji gwida fuq miżuri kwantitattivi, peress li proprju hawn l-industrija tidher l-inqas ċara fuq l-aspettattivi tal-ESMA. Benefiċċju ta' miżuri kwantitattivi huwa li huma jipprovdu aktar oġġettività għall-proċess ta' validazzjoni, b'mod partikolari peress li ser ikun aktar diffiċli jingħarfu u jiġu artikolati s-suppożizzjonijiet inerenti użati fl-interpretazzjoni ta' miżuri kwalitattivi. Madankollu, dan ma jfissirx li l-ESMA temmen li miżuri kwantitattivi għandhom jixprunaw biss proċess ta' validazzjoni u l-ESMA ma tistennix li r-riżultati tal-validazzjoni għandhom jiddependu mekkanikament fuq miżuri kwantitattivi.
12. Dawn il-linji gwida jirrelataw biss mal-validazzjoni tal-metodoloġiji tas-CRAs u, skont l-Artikolu 23 tar-Regolament CRA, ma jimplikawx jew ma jissuġġerixxux interferenza fil-kontenut tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew tal-metodoloġiji.

4 Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

4.1 L-istatus tal-linji gwida

13. Dan id-dokument fih linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (Regolament ESMA). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament ESMA, is-CRAs għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

4.2 Rekwiżiti ta' rappurtaġġ

14. L-ESMA ser tivvaluta l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida mis-CRAs permezz tas-sorveljanza u l-monitoraġġ kontinwu tagħha tar-rapportar perjodiku tas-CRAs lill-ESMA. Dawn il-linji gwida japplikaw mingħajr preġudizzju għal-linji gwida dwar informazzjoni perjodika li għandha tiġi sottomessa lill-ESMA mis-CRAs (ESMA/2015/609) li jeħtieġu li s-CRAs jirrapportaw kull sitt xhur ir-rapporti tal-funzjoni ta' rieżami interna u r-riżultati tar-rieżamijiet tal-metodoloġija, inkluż informazzjoni dwar kwalunkwe ttestjar retrospettiv li jsir f'dan il-perjodu, dettalji dwar kwalunkwe sejba ewlenija kif ukoll l-azzjonijiet meħuda mis-CRA bħala riżultat.

5 Linji gwida dwar il-validazzjoni u r-rieżami tal-metodoloġiji tas-CRAs

15. Dawn il-linji gwida jinkludu:

- a. Miżuri li l-ESMA tistenna li CRA tuża **tipikament**.
- b. **Eżempji ta' miżuri komplementari** li CRA għandha tqis, fost miżuri komplementari xierqa oħrajn.

16. Il-miżuri¹ li ser jintużaw bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni ta' validazzjoni ta' CRA. Meta CRA ma tużax miżuri li l-ESMA tipikament tistenna, is-CRA għandha tiddokumenta l-ġustifikazzjoni tagħha talli ma użatx dawn il-miżuri u kif il-miżuri li għażlet jissodisfaw ir-rekwiżiti regolatorji (l-Artikoli 8(3) u 8(5) tar-Regolament CRA u l-Artikoli 7 u 8 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni), kif iċċarat f'dawn il-linji gwida.

5.1 Validazzjoni ta' Metodoloġiji b'Evidenza Kwantitattiva Suffiċjenti

5.1.1 Kapaċità Diskriminatorja

17. Il-kapaċità diskriminatorja ta' metodoloġija tirrelata mal-kapaċità tagħha li tikklassifika l-entitajiet ikklassifikati skont l-istatus futur tagħhom (inadempjenti jew mhux inadempjenti) fi żmien speċifiku definit minn qabel.
18. Billi turi l-kapaċità diskriminatorja ta' metodoloġija, l-ESMA tipikament tistenna li CRA tuża l-Profil Kumulattiv tal-Preċiżjoni (CAP) jew il-Karatteristika Riċevitur Operatur (ROC) flimkien mal-proporzjon ta' preciżjoni².
19. CRA għandha tqis li tikkomplementa l-miżuri t'hawn fuq b'miżuri kwantitattivi addizzjonali, pereżempju l-istatistika Kolmogorov-Smirnov u miżuri kwalitattivi, bħad-distribuzzjoni tar-rati ta' inadempjenza osservati.

5.1.2 Kapaċità Predittiva

20. Il-kapaċità predittiva ta' metodoloġija tista' tintwera billi jsir paragun bejn l-imġiba mistennija tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mar-riżultati osservati.
21. Biex isir dan il-paragun, l-ESMA tipikament tistenna li CRA tiddefinixxi internament l-aspettattivi tagħha (numri assoluti jew meded) skont il-kategorija tal-klassifikazzjoni tal-

¹ It-terminu "miżuri" jintuża fil-linji gwida fis-sens tar-Regolament CRA, jiġifieri miżuri interni meħuda minn CRA sabiex jikkonformaw ma' tali Regolament.

² F'dawn il-linji gwida, it-terminu "proporzjon ta' preċiżjoni" jinkludi wkoll l-koeffiċjent Gini jew miżuri simili oħrajn.

kreditu fir-rigward tal-miżura ta' affidabbiltà kreditizja li jirreferu għaliha l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħha.

22. CRA tista' tuża approċċi differenti biex tiddefinixxi l-aspettattivi interni tagħha (eż. permezz ta' kalkolu statistiku jew b'referenza għall-prestazzjoni storika tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħha).
23. Għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jirreferu għal probabbiltajiet ta' inadempjenza, l-ESMA tipikament tistenna li CRA tqabbel il-probabbiltajiet ta' inadempjenza mistennija mar-rati ta' inadempjenza osservati billi tuża t-testijiet binomjali u chi-square. CRA għandha tqis li tikkomplementa dawn il-miżuri b'aktar miżuri kwantitattivi, pereżempju l-Brier Score jew it-test mudell ta' fattur wieħed Vasicek, kif ukoll kwalunkwe miżura kwalitattiva li hija l-aktar xierqa għall-validazzjoni tal-metodoloġiji.
24. Għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jirreferu għall-miżuri ta' affidabbiltà kreditizja għajr il-probabbiltajiet ta' inadempjenza, l-ESMA tipikament tistenna li CRA tqabbel l-imġiba mistennija tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mar-riżultati osservati billi tuża miżuri kwantitattivi rilevanti u tiddokumenta r-raġunament għall-għażliet tagħha. CRA għandha tqis li tikkomplementa dawn il-miżuri b'aktar miżuri kwantitattivi rilevanti kif ukoll kwalunkwe miżura kwalitattiva li hija l-aktar xierqa għall-validazzjoni tal-metodoloġiji.

5.1.3 Robustezza Storika

25. Ir-robustezza storika ta' metodoloġija tista' tintwera billi jiġu vvalutati dimensjonijiet oħrajn li ma jirrelatawx mal-kapaċità diskriminatorja jew predittiva tagħha, bħall-istabbiltà tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu assenjati mill-metodoloġija, l-istabbiltà tal-karatteristiċi tal-entitajiet / strumenti kklassifikati koperti mill-metodoloġija u d-distribuzzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu assenjati.
26. Bħala miżura kwantitattiva, l-ESMA tipikament tistenna li CRA turi l-istabbiltà tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu assenjati mill-metodoloġiji tagħha billi tipproduċi tranżizzjoni (migrazzjoni) matriċi u tanalizza l-moviment tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Eżempji ta' dan it-tip ta' analiżi jinkludu t-titjib fil-grad / it-tnaqqis fil-grad / il-proporzjonijiet dijagonali kif ukoll statistika li turi l-livell ta' bidla, id-direzzjoni tal-bidla jew kombinazzjoni assoluta.
27. CRA għandha tqis li tikkomplementa dawn il-miżuri b'aktar analiżi kwalitattiva, pereżempju l-analiżi tad-distribuzzjonijiet tal-klassifikazzjonijiet, analiżi ta' varjabbli wieħed ta' determinanti ewlenin tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-benchmarking tal-klassifikazzjonijiet għall-miżuri tar-riskju ta' kreditu estern (eż. klassifikazzjonijiet ta' CRAs oħrajn, firxiet ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu, rendimenti tal-bonds), u l-użu ta' miżuri kwantitattivi bħall-Indiċi tal-Istabbiltà tal-Popolazzjoni / tas-Sistema.

5.2 Validazzjoni ta' Metodoloġiji b'Evidenza Kwantitattiva Limitata

28. CRA għandha tistabbilixxi hija stess in-numru minimu ta' klassifikazzjonijiet u / jew inadempjenzi li metodoloġija għandu jkollha sabiex tiġi validata skont l-Artikolu 7 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni. Is-CRAs għandhom jistabbilixxu internament il-politiki u l-proċeduri rilevanti biex jiddeċiedu jekk hemmx evidenza kwantitattiva limitata li tappoġġja l-kapaċità predittiva ta' metodoloġija. Dawn il-politiki u l-proċeduri għandhom bħala minimu jiddefinixxu l-persuni / partijiet responsabbli biex jieħdu din id-deċiżjoni kif ukoll il-kriterji rilevanti li fuqhom ser tkun ibbażata din id-deċiżjoni.

29. CRA għandha, bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-metodoloġiji tagħha b'evidenza kwantitattiva limitata, tqis li ttejjeb il-kampjun tad-data sabiex, jekk ikun possibbli, tapplika l-Artikolu 7 tal-RTS dwar metodoloġiji tal-klassifikazzjoni. CRA għandha tqis tekniki għat-titjib tad-data (soġġett għal, fejn ikun applikabbli, il-verifikazzjoni tal-kwalità tad-data u s-salvagwardja tal-karatteristiċi tal-popolazzjoni kklassifikata, inkluża r-rata ta' inadempjenza tagħha), pereżempju:

- l-espansjoni tal-kampjun tad-data bl-użu ta' data ta' parti terza (jekk tkun disponibbli);
- il-kombinazzjoni (jekk ikun sinifikanti) ta' klassijiet ta' assi jew klassijiet ta' subassi b'karatteristiċi ta' riskju simili sabiex jitwettqu valutazzjonijiet ta' validazzjoni konġunta; jew
- il-fohqien (jekk ikun possibbli) ta' tranżazzjonijiet ipotetiċi li jistgħu jintużaw biex jespandu d-data disponibbli.

CRA għandha tiddokumenta l-proċess tagħha tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex tiddetermina jekk għandhomx jintużaw tekniki għat-titjib tad-data.

30. CRA għandha tqis ukoll tekniki li jippermettulha twettaq miżuri kwantitattivi biex turi l-kapaċità diskriminatorja tal-metodoloġiji tagħha. CRA għandha tqis tekniki rilevanti, pereżempju:

- l-użu ta' definizzjoni ta' inadempjenza "rilassata" għall-finijiet ta' validazzjoni;
- il-kombinazzjoni ta' kategoriji ta' klassifikazzjoni; jew
- l-użu ta' perjodu ta' żmien estiż.

CRA għandha tiddokumenta l-proċess tagħha tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tistabbilixxi r-raġunament għall-metodi li tuża biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li twettaq miżuri kwantitattivi biex turi l-kapaċità diskriminatorja tal-metodoloġiji tagħha, inkluż jekk tkunx irrifjutat l-użu ta' metodu.

31. L-ESMA tipikament tistenna li CRA tipproduċi tranżizzjoni (migrazzjoni) matriċi u tanalizza l-moviment tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu kif ukoll tkejjel il-klassifikazzjonijiet għall-miżuri tar-riskju ta' kreditu estern (eż. klassifikazzjonijiet ta' CRAs oħrajn, firxiet ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu, rendimenti tal-bonds).
32. CRA għandha tqis li tikkomplementa dawn il-miżuri b'miżuri oħrajn ta' robustezza storika bħal dawk innutati fit-taqsimha 5.1.3.

5.3 L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-anomaliji

33. CRA għandha tistabbilixxi livelli limitu internament għat-tekniki ta' validazzjoni kwantitattivi tagħha sabiex tidentifika u tindirizza l-anomaliji potenzjali enfasizzati mill-ittestjar retrospettiv.
34. Dawn il-livelli limitu għandhom jiġu dokumentati u rekordjati kif xieraq. Il-Funzjoni ta' Rieżami tas-CRAs għandha tkun responsabbli biex tiddeċiedi dwar dawn il-livelli limitu, billi tiżgura li huma i) rilevanti għall-metodoloġija li qiegħda tiġi validata, ii) komponent ta' sfida u applikat b'mod konsistenti tal-proċess ta' validazzjoni billi jiġi stabbilit fil-livelli xierqa u iii) iġġustifikati b'mod adegwat.
35. CRA għandha ttipprovdi ġustifikazzjonijiet xierqa jekk il-livelli limitu jvarjaw skont il-klassi ta' assi, speċjalment fil-każijiet fejn il-kategoriji tal-klassifikazzjoni għandhom l-istess karatteristiċi fil-klassijiet ta' assi.
36. CRA għandha tiddefinixxi minn qabel u tiġġustifika l-azzjonijiet li ser iwasslu għalihom devjazzjonijiet mil-livelli limitu. L-ESMA ma tistenniex li ksur ta' livell limitu ser iwassal dejjem għal bidliet fil-metodoloġija.
37. CRA għandha tiddistingwi devjazzjonijiet sistemiċi minn dawk mhux sistemiċi u tispjega kif l-azzjonijiet definiti minn qabel ser ivarjaw f'tali każ.
38. Fil-każ li CRA tagħżel li tistabbilixxi livelli limitu għat-tekniki tagħha ta' validazzjoni kwalitattiva, għandhom japplikaw il-paragrafi t'hawn fuq taħt din it-taqsim.